Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)

(Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali)

Magistrat Dottor Monica Vella LL.D.; M.Jur.

Il-Pulizija

Vs

Carmel Decelis

Seduta Rabat

Illum 24 ta' Lulju 2024

Il-Qorti,

Rat l-akkuza mahruga mill-Pulizija Ezekuttiva kontra:

**Carmel Decelis** ta' 73 sena bin Emanuel u Carmela xebba Bonello imwieled Marsa nhar l-1 ta' Lulju 1948, residenti 3, Triq il-Kbira Sqaq numru 1 Rabata Malta K.I. 551048M

Akkuzat talli:

Nhar 1 ta' April 2022 u/jew fix-xhur u granet ta' qabel f'dawn il-Gzejjer b'diversi atti maghmula minnek li gew maghmula fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'

rizoluzzjoni wahda, gibt ruhek b'tali mod li tajt fastidju lil Joseph Neville Chappell u Jane Mary Chappel, b'mod li kont taf jew messek kont taf li dak li ghamilt kien ta' fastidju ghalih.

Il-Qorti giet gentilment mitluba illi f'kaz ta' htija minbarra il-piena applikabbli tapplika is-Sec. 382A u 383, 384, 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghal harsien ta' Joseph Neville Chapell u Jane Mary Chappell.

Rat l-atti kollha.

Rat l-affidavits.

Semghet ix-xhieda.

Rat u qieset id-dokumenti u provi kollha prodotti.

Semghet lill-partijiet jiddikjaraw li qed jirrimettu ruhom ghall-provi in atti.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

**Il-Fatti fil-Qosor.**

Dan il-kaz jirrigwarda disgwid li sehh bejn girien li jghixu fir-Rabat fejn allegatament huma qed jikkawza fastidju lil xulxin matul il-lejl. Tali fastidju bejn il-partijiet ossija Beatrice Spiteri K.I. 378425M u Carmel Decelis K.I. 5510348M kien qieghed isehh fl-1 ta’ April 2022 u fil-granet, gimghat u x-xhur ta’ qabel ma’ l-kwerelanta Spiteri marret ghand il-pulizija.  Ta’ min jghid li Joseph Neville Chappell K.I. 199257M aktar tard matul l-istess gurnata, ossija 1 ta’ April 2022 mar l-ghassa tal-lokal u irraporta li anki hu u martu Jane Mary Chappell K.I. 0224557M kienu qed jigu mdejqa minn certu hsejjes li kienu qed isiru.

Is-Sur Carmel Decelis gie mitkellem mill-pulizija u ghamel rapport kontra s-Sinjuri Chappell u allega li dawn kienu qed iqqabbdu il-washing machine fil-hinijiet bikrija ta’ bil-lejl u li kienu qed ikunu ta’ inkonvenjent ghalih.  Dan il-fatt gie michud mis-Sur Chappell.

**Provi**

Xehdet il-kwerelanta **Beatrice Spiteri** waqt is-seduta tal-4 ta’ Novembru 2022 fejn sahqet li Carmel Decelis kien ilu jippersegwitaha ghal madwar tmien snin u li hija kienet marret l-ghassa taghmel rapport mal-carer taghha kif ukoll ma’ Mr and Mrs. Chappell.[1]  Tghid li Carmel Decelis kien ihabbtilha bil-lejl u li gieli tkellmet fuq dan ma’ nies ohra. Tghid li l-girien taghha, ossija Chapell huma ippersegwitati bhalha.[2] Hija ma rat xejn imma semghet it-thabbit mal-hajt bil-lejl. Tkompli tghid li hija qatt ma ghamlet argumenti ma’ nies ohra. Tghid li forsi xi drabi bejn 2018 – 2022 waddab xi haga fuq il-bejt forsi. Tghid li bejn l-ahhar ta’ Marzu u April habbat darbtejn bil-lejl. Tghid li hija u Carmel Decelis hemm hajt komuni bejnithom.[3]  Tghid li bejniethom hemm

[1] Pagna 1 tal-istqarrija taghha.
[2] Pagna 4.
[3] Pagna 9.

hanut maghluq. Tghid li hija semghetu u qatt ma ratu.[4] Tispjega li t-tarag tieghu jigi mal-kamra tas-sodda taghha. Taqbel li hija kienet iffirmat dikjarazzjoni biex ma jittiehdux passi fil-konfront tas-Sur Decelis pero' il-pulizija insistew biex titla' u hija telghet mal-carer bit-taxi.

Xehdet il-carer ta' Beatrice Spiteri waqt is-seduta tal-4 ta' Novembru 2022 **Sherly Aquino Bunzol** bil-lingwa Ingliza.[5] Tghid li hija ilha tghix mal-kwerelanta ghal dawn l-ahhar disa' xhur. Tghid li Decelis ihabbat kontinwament mal-hajt f'nofs ta' lejl. Tuza l-kliem precis:

*'I used to wake up very very nervous because I was in shock. I used to stand up on my bed and to check my employer if she is ok because she is also getting nervous when she heard them during the middle of the night.'*

Xehdet **Jane Mary Chappell** waqt is-seduta tal-4 ta' Novembru 2022. Tghid li Charlie Decelis huwa gar taghha u gharfitu fl-awla.[6] Tghid li tafu ghax jaghmel hafna azzjonijiet u dejjem ihabbat bil-lejl. Tkun rieqda u jahsadha. Tghid li ilu jaghmel dan xi tlett gimghat u tghid li l-ahhar li habbat fit-2 ta' April tas-sena 2022. Tghid li kienet rieqda d-dar u meta qamet minhabba it-tisbit staqsiet lir-ragel x'inhu u hu qalilha li kien Decelis. Tghid li kien hemm aktar incidenti fl-2022 kemm wara it-2 ta' April 2022 kif ukoll wara.[7] Ticcara li anki fil-granet ta' qabel it- 2 ta' April huwa kien joqghod ihabbat. Tghid li l-propjeta' taghha

[4] Pagna 10 u 11.
[5] Pagna 17.
[6] Pagna 23.
[7] Pagna 26.

u ta’ Decelis imissu ma’ xulxin.[8] Tichad li Spiteri telghet maghhhom ghal Qorti pero’ tghid li gew bl-istess taxi.[9]

Xehed **Joseph Neville Chappell** waqt l-istess seduta tal-4 ta’ Novembru 2022[10]. Jikkonferma li Charlie Decelis huwa gar taghhom u li joqghod ihabbtilhom. Jghid li Decelis ihabbat diversi drabi bil-lejl, jghid li kien fit-2 ta’ April pero’ kien ilu ghaddej biha. Jghid li dan huwa incident wiehed f’kullana ta’ incidenti twal ta’ harassment.[11] Jghid li ilhom ghaddejjin snin b’harassment. Isostni li qatt ma kellu incidenti ma’ garien ohra hlief ma’ Decelis. Ikompli jamplifika li gieli bil-lejl martu tqum tibki. Jghid li t-tahbit isir bi hdura. ‘Ihabbat u jahsdek biex iqajmek imbaghad ma jergax jaghmilha’. Jghid li meta baghat ghalih is-surgent fuq allegazzjoni li Decelis kien qed jghid li kienu qed jixghelu il-washing machine qal li ma jistax ikun ghax martu ma tahdimx u hija mara tad-dar allura il-hasla taghmilha fil-ghodu u mhux bil-lejl.

Mistoqsi fuq ic-CCTV camera jghid li din qieghda fuq il-bieb tieghu u mhux taghti ghal fuq il-bieb ta’ Decelis.[12] Jghid li isib hgieg gol-isqaq, littering, tefa’ il-hmieg tal-kelb fil-bitha tieghu. Jghid li heddu ukoll kemm-il darba.[13]

**Ikkunsidrat:**

[8] Pagna 31.
[9] Pagna 32.
[10] Pagna 34.
[11] Pagna 36.
[12] Pagna 42.
[13] Pagna 44.

Id-disposizzjoni tal-Kapitolu 9 tal-Kodici Kriminali tal-Ligijiet ta' Malta relevanti ghal din il-vertenza tipprovdi s-segwenti:

**251A. (1) Persuna li:**

**(a) iġġib ruħha b'mod li tagħti fastidju lil persuna oħra; jew**
**(b) iġġib ruħha b'mod li tkun taf jew ikun imissha tkun tafli dan ikun ta' fastidju għal dik il-persuna; jew**

**…………………………………………………………………………**
**………………..**

**(2) Għall-fini ta' dan l-artikolu, persuna li tkun qiegħda ġġib ruħha b'mod dubjuż imissha tkun taf li dik l-imġiba tammonta għalfastidju ta' persuna oħra jekk fil-qies ta' persuna raġonevoli lijkollha l-istess informazzjoni din kienet kieku taħseb li dik l-imġiba kienet tammonta għal fastidju tal-persuna l-oħra.**

…………………………………………………………………………
……………………

**(3) (ċ) fiċ-ċirkostanzi partikolari dik l-imġiba kienet waħda raġonevoli.**

**(4) Persuna misjuba ħatja ta' reat taħt dan l-artikolu tista' teħel il-piena ta' priġunerija għal żmien minn sitt xhur sa sentejn jew multa ta' mhux inqas minn ħamest elef euro (€5,000) u**

**mhuxiżjed minn għaxart elef euro (€10,000), jew dik il-multa u priġunerija flimkien**

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti tqis li ghandha ticcitha b'mod estensiv dak li gie ikkwotat u spjegat fis-sentenza ben illustrata **Il-Pulizija (Spettur Elton Taliana) vs Denise Falzon** (app. Kriminali 156/2017) deciza fid-29 ta' Novembru 2018 mill-Qorti tal-Appell Kriminali per Onorevoli Edwina Grima fejn intqal:

*'Illi l-ewwel akkuza addebitata lill-appellata hija dik tal-fastidju kif mahsub fl-artikolu 251A(1)(2) tal-Kapitolu 9 kif kien applikabbli fiz-zmien indikat fic-citazzjoni, li kien jaqra:*

*(1) Persuna li ġġib ruħha:*

*(a) B'mod li tagħti fastidju lil persuna oħra, u*

*(b) B'mod li tkun taf jew ikun imissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju għal dik il-persuna,*

*Tkun ħatja ta' reat taħt dan l-artikolu.*

*(2) Għal fini ta' dan l-artikolu, persuna li tkun qedgħa ġġib ruħha b'mod dubjuż imissha tkun taf li dik l-imġieba tammonta għal fastidju ta' persuna oħra jekk fil-qjies ta' persuna raġonevoli jkollha l-istess informazzjoni din kienet kieku taħseb li dik l-imġieba kienet tammonta għal fastidju tal-persuna l-oħra.*

*(3) Persuna akkużata b'reat taħt dan l-artikolu tista' ġġib prova li: ………(c) Fiċ-ċirkostanzi partikolari l-imġieba kienet waħda raġonevoli;*

*Illi mal-promulgazzjoni ta' dan ir-reat, il-legislatur fittex sabiex tigi issanzjonata dik l-imgieba li tista' tohloq fastidju, ghalkemm l-ebda definizzjoni ma tinghata lil dan it-terminu legali. "Dan l-artikolu huwa meħud kważi kelma, b'kelma mil-liġi 'Protection of Harassment Act 1997'.*

*Dwar l-Att l-Archbold jgħid dan li ġej: 'The Act describes itself as one 'to make provision for protecting persons from harassment and similar conduct.' It was passed for the purpose of dealing with the phenomenon of 'stalking'. There is, however, no attempt at a definition of harassment, although section 7(2) provides that references to harassing a person include alarming the person or causing the person distress. In 'Tuppen and anor vs Microsoft Corporation Limited and anor, The Times' November 15 2000, QBD, Douglas Brown J held that there being no definition of 'harassment' in the Act, it was legitimate to have recourse in the proceedings in Parliament as an aid to construction because the wide potential and far-reaching meaning 5 that might be attributed to the word; such reference made clear that the behaviour sought to be controlled was conduct such as stalking, anti-social behaviour by neighbours and racial harassment. But in 'Thomas vs News Group Newspaper Ltd and anor, The times, July 25th 2001, CA (Civ.Div) it was held that the Act is concerned with conduct targeted at an individual which was calculated to produce alarm or distress and which was oppressive and unreasonable Two incidents can constitute a ' course of conduct' but the fewer the incidents and the greater theri separation in time, the less likely it's that they could be*

*described as 'a course of conduct': Lau vs DPP (2000) 1 F.L.R. 799 DC. In 'Pratt vs DPP' 165 J.P. 800 DC, it was said that the concern which the 1997 Act had been intended to meet was that persons should not be put in a state of alarm or distress by the behaviour of others; and that purpose had to be borne in mind when deciding whether to prosecute when there was only a small number of incidents relied upon. "*

*Illi minn qari ta' din id-disposizzjoni tal-ligi ghandu johrog illi l-awtur tar-reat irid ikollu l-intenzjoni illi johloq fastidju lil vittma tieghu bl-imgieba tieghu. Tant hu hekk illi din l-intenzjoni tissarraf f'imgieba volutament ripetuta u intenzjonata sabiex iddejjaq u tivvessa. Illi allura hemm distinzjoni netta, fil-fehma ta' din il-Qorti, bejn dik l-imgieba li qed tohloq fastidju u dik li tohloq semplicement inkonvenjent.*

*Tant hu hekk illi: "L-artikolu 251A johloq ir-reat ta' persuna li ggib ruha b'mod li taghti fastidju lil persuna ohra u b'mod li tkun taf jew imissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju ghal dik il-persuna. .... Il-ligi fis-sub-inciz (2) tkompli tiddisponi li persuna li tkun qed iggib ruha b' mod dubbjuz imissha tkun taf li dik l-imgieba tammonta ghal fastidju ta' persuna ohra jekk fil-qies ta' persuna ragjonevoli li jkollha l-istess informazzjoni, din kienet kieku tahseb li dik l-imgieba kienet tammonta ghal fastidju tal-persuna l-ohra. Fis-subinciz (3) (c) il-ligi tkompli tghid li persuna akkuzata b' reat taht dan l-artikolu tista' ggib prova li fic-cirkostanzi partikolari dik l-imgieba kienet wahda ragjonevoli. Fl-artikolu 251C hu provvdut li riferenzi ghall-ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludi meta wiehed jaghti qata': ("alarming") jew idejjaq: ("causing ..distress") lill-persuna.. Illi wkoll fl-istess sentenza saret referenza għat-tifsira tal-fastidju mill-ġurista Blackstone fejn: '...it-terminu*

*legali fastidju (bl-Ingliz "Harassment") gie definit mill-Black's Law Dictionary - (7th. edit.) bhala :-*

*"Words, conduct or action (usu. Repeated or persistent) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose", (App. Inf. il-Pulizija vs Carmelo Vella – 14/05/2012 6 Il-Pulizija vs Massimo Tivisini)*

*Dan l-element ta' ripetizzjoni jew persistenza ma jridx jigi konsidrat "in isolation" b'riferenza biss ghall-kaz mertu tal-kawza imma bil-fors li jrid jitqies fl-isfond tar-retroxena u tal-agir precedenti tal-gudikabbli. Dan ghaliex kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali : "Il-Pulizija vs. Alan Caruana Carabez" [21.6.07] :- ".... f' kazijiet bhal dawn ir-retroxena ghal kull incident hija importanti biex il-Qorti tkun tista' tispigola l-incident izolat u accidentali minn agir abitwali ta' fastidju fuq periodu ta' zmien." Illi jidher allura li t-test li għandu jiġi adoperat biex jiġi stabblit jekk hemmx fastidju 'illeċitu' o meno huwa billi jiġi applikat it-test oġġettiv iktar milli dak soġġettiv filwaqt pero' li jittieħed qies tal1fattispeċi kollha tal-każ u l-assjem taċ-ċirkostanzi kollha li setgħu wasslu lil kwerelant jieħu l-passi li ħa. Illi f'kaz konsimili din il-Qorti kif diversament ippresjeduta sahhqet: "L-azzjoni tal-appellant, tista' tkun ezaminata mill-ottika tal-inkonvenjent izda certament mhix minn dik tal-fastidju li f'dan il-kaz kienet tirrikjedi prova ta' zamma ta' annimali f'tali stat li b'intenzjoni kriminuza ried johloq sitwazzjoni ta' fastidju bl-iskop li jivvessa specifikatament lill-girien u anke bi skop."*

*………………………………………………………………………………… …………………….*

*Illi ghalkemm il-parti leza tressaq provi dwar dak li jikkostitwixxi l-inkonvenjent li qed jigi ikkrejat mill-gara taghha, madanakollu ma hemm l-ebda prova fl-atti li remotament tindika, u dan lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni, illi dan l-agir da parti tal-appellata kien specifikatament intenzjonat sabiex idejjaqha jew jivvessa.'*[14]

Imbaghad fis-sentenza **Il-Pulizija vs Giuseppi Axiaq** (App. Nru. 271/2013) deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-16 ta' Jannar 2014 per Onorevoli Imhallef Michael Mallia intqal is-segwenti fuq id-differenza bejn li tohloq stress u fastidju:

*'Li tati fastidju lil xi hadd, jimplika xi haga iktar fejn dak li jkun ihossu stressjat. Il-fastidju jimplika azzjoni minn parti illi tigi interpretata mill-parti l-ohra bhala dwejjaq u emozzjonalment negattiva. Li tkun stressjata hija xi haga ulinaterali minghajr ma tikkreja xi reazzjoni minn persuna ohra'*[15].

**Ikkunsidrat:**

Il-kaz in ezami huwa dwar disgwid bejn il-girien ossija l-imputat u l-kwerelanti Joseph Neville Chappell u Jane Mary Chappell u Beatrice Spiteri u b'mod sussidjarju l-carer Sherly Aquino Bunzol.

Mill-atti processwali xehdu l-kwerelanti Joseph Neville Chappell, Jane Mary Chappell kif ukoll Beatrice Spiteri u l-carer taghha Sherly Aquino Bunzol li ilkoll qalu li l-imputat fit-2 ta' April 2022 u fil-granet

[14] Pg. 4- 6. Ara ukoll **Il-Pulizija (Spettur Darryl Farr) vs Monique Vella et** deciza mill-Qorti tal-Magsirati (Malta) per Magistrat Dottoressa Charmaine Galea fil-21 ta' Lulju 2022 (mhux appellata).
[15] Pagna 4.

u x-xhur ta' qabel kien qed jaghtihom fastidju b'diversi modi, fosthom billi jhabbat mal-hajt f'nofs ta' lejl. Jidher ukoll li hemm kwistjonijiet li jmorru lura -s-snin bejn il-partijiet u skond il-konjugi Chappell l-imputat mhux biss ihabbat mal-hitan f'nofs tal-lejl izda matul l-2022 rema hmieg tal-klieb fil-bitha taghhom u meta xi drabi ra lis-Sinjura Chapell kien ikellimha hazin.

Jidher ukoll minn dak li qalet is-Sinjura Bunzol, il-*carer* tal-anzjana Beatrice Spiteri, tiddikjara li anke t-tahbit mal-hajt kien ikun frekwenti, bil-lejl u hija kif ukoll l-anzjana ta' 'l fuq minn disghin sena kienu jqumu mahsuda b'dan il-fastidju.[16]

Din il-Qorti qed tirraviza li l-imputat bl-imgieba komplessiva tieghu, u din mhux limitata biss ghat-tahbit mal-hajt, iffastidja lill-konjugi Chapell kif ukoll lil Beatrice Spiteri u lil Sherly Aqino Bunzol.

Illi l-Qorti hija konvinta u tqis illi mill-assjem tal-provi migjuba, l-prosekuzzjoni irnexxilha tipprova sal-grad rikjest mil-ligi li l-imputat ta fastidju lill-kwerelanti u dan fuq medda ta' zmien qabel April 2022, u ghalhekk l-akkuza migjuba kontra l-imputat tinsab pruvata.

**Decide:**

---

[16] Ara il-kummenti tal-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza **Il-Pulizija vs Alfred Bartolo** deciza fit-18 ta' Gunju 1955 per Onorevoli Imhallef W. Harding fuq ir-rispett li wiehed ghandu jkollu lejn l-anzjani fejn intqal is-segwenti: '*Hi certament haga strana, fil-hajja umana, li dejjem u f' kull epoka jkun hemm nies, ta' edukazzjoni tal-qalb skarsa, u ta' sentimenti pervertiti, li jiehdu gost b' ubbuz simili, tant li ga minn sekoli ilu, fiz-zmien Ovidio, dan il-poeta kien diga' qieghed jilmenta li spiccat ir-riverenza ghall-eta'…'*. Dawn il-kliem tad-deheb ghadhom japplikaw, jekk mhux aktar, sal-gurnata tal-lum.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat l-Artikolu 251A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat **CARMEL DECELIS HATI** tal-akkuza taht l-Artikolu 251A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ai termini tal-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena mil-lum.

Inotre ai termini tal-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti qeghda qed torbot lill-imputat b'obbligazzjoni taht l-istess Artiklu sabiex ma jdejjaqx jew bi kwalunkwe mod jimmolesta jew jaghti fastidju lill Joseph Neville Chappell u lil Jane Mary Chappell u dan taht piena ta' **elfejn Ewro (€2,000) ghal zmien sena mil-lum**.[17]

Il-Qorti spjegat lill-hati fi kliem car l-obbligi tieghu taht din is-sentenza u l-konsegwenzi jekk huwa ma jonorax l-istess.

Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur

Magistrat

Annalise Mifsud

Deputat Registratur

[17] Il-Qorti ma tistax timponi l-istess obbligazzjoni favur Beatrice Spiteri u Shirly Aquino Bunzol stante li ma jissemmghux fl-akkuza.